MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1013/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**SPETTUR CARMEL ABDILLA**

**VS**

**MARY ANN AZZOPARDI**
**SUE ELLEN AZZOPARDI**
**LENICE AZZOPARDI**
**MAXINE FELICE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Mary Ann Azzopardi ta’ 40 sena bint Joseph Spiteri u Maria Lourdes nee’ Gauci mwielda il-Pieta fit-28 ta’ Marzu 1966 u toqghod entratura C Flat 7 Binja tal-Mensija, taz-Zwejt, San Gwann, detentrici ta’ karta ta’ identita nru 157066(M).

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Ellen Azzopardi ta’ 24 sena bint Vince u Maryann Azzopardi imwielda il-Pieta’ fil- 11 ta’ Frar 1982 u toqghod entratura C Flat 7 Binja tal-Mensija, taz-Zwejt, San Gwann, detentrici ta’ karta ta’ identita nru 255682(M)

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Lenice Azzopardi ta’ 18-il sena bint Vince u Maryann Azzopardi imwielda il-Pieta’ fit-23 ta’ Dicembru 1987 u toqghod entratura C Flat 7 Binja tal-Mensija, taz-Zwejt, San Gwann, detentrici ta’ karta ta’ identita nru 9888(M)

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Maxine Felice ta’ 15 -il sena bint Emmanuel u Maryann Azzopardi imwielda il-Pieta’ fit-13 ta’ Gunju 1991 u toqghod entratura C Flat 7 Binja tal-Mensija, taz-Zwejt, San Gwann, detentrici ta’ karta ta’ identita nru 315991(M)

Billi huma akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-31 t’Awwissu 2006 ghall habta tad-9:30 ta filghaxija f’ta Zwejt limiti ta’ San Gwann , u / jew fil-vicinanzi:

1. Ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Grace Sammut skond kif iccertifikata Dr. Marius Caruana MD mill-Isptar San Luqa u dan ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi volontarjament kisru il- bon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan ai terminu tal- Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew lil imsemmija Grace Sammut bil-kliem, u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 339 (1) (e) ta’ Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

**Lill- Sue Ellen Azzopardi wehidha akkuzata ukoll:-**

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassret, jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor cioe vettura HAW 984 ta ghamla Mazda ghad

dannu ta l-istess Grace Sammut minn San Gwann, liema hsara teccedi aktar minn Lm 50 izda inqas minn hames mitt lira (Lm500) u dan ai terminu tal- Artikolu 325 (1)(b) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-Imputati sabiex il-kas jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat d-dokumenti esebiti , l-atti kollha tal-kas;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-kwerelanti ta l-10 ta' Marzu 2011

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tad-difiza tal-24 ta' Mejju 2011

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda tal-Ispettur Carmelo Abdilla a fol 13 et seq. jirrizulta illi l-Pulizija ircivew rapport ta tilwim u glied bejn il-familja Azzopardi u l-kwerelanti Grace Sammut li b'konsegwenza ta' dan iddahlet l-isptar . In oltre il-kwerelanti sofriet hsara fil- vettura taghha fl-ammont mija u hamsa u dighin Lira Maltija (Lm195).

Spettur Abdilla xehd li kien interroga lil Mary Ann Azzopardi li irrelaxxat stqarrija DOK CA1 li fiha qalet illi l-kwerelanti Sammut kienet il-gara taghha u li fl-ahhar tlett (3) snin kienu qeghdin jigu nies ghand Azzopardi iwasslulha diskors li kienet qed tghid Grace Sammut fuqha u fuq it-tfal ta Azzopardi , u cioe fis-sens illi "it-tfal

taghha kienu morda" u "kienu dipendenti fuq id-drogi". Azzopardi stqarret illi f'hin minnhom hija nizlet fil-*flat* ta Sammut u sawtitha. Ghar-rigward ta' hsara fil-vettura ta Sammut, Mary Ann Azzopardi amettiet li hija ikkawzat it-tali hsara.

Fl-istqarrija taghha, Mary Ann Azzopardi stqarriet :

"**Iva jiena inzilt mill-*flat* u mort fuq Grace Sammut li dak il-hin kienet barra hdejn vettura u qbist u ghidtilha li kont illi tlett (3) snin nismha diskors kontra tieghi man-nies u jiena nahfrilha. Dan minhabba li kienet qed timmalafama lill-uliedi li huma bid-droga u bil-mard. Jiena dak il-hin naf li rajt lil Grace taqla iz-zarbuna u tajtha daqqa go rasa biz-zarbuna taghha stess u gharmejta minn idejja pero komplejt intiha b'idejja.**
**M. Fejn tghajta lill-Grace?**
**T. Qbattha minn xghara u bdejt insabbat wiccha mal-art**
**M. Kellha demm?**
**T. Iva, kellha wicca, bid-demm ma wicca u kompliet tghajjar lit-tfal." ( a fol 21)**

L-ufficjal prosekutur xehed illi kien interroga ukoll lil Lenice Azzopardi u Sue Ellen Azzopardi li ghazlu illi ma jirrispondu ghal ebda domanda u irrifjutaw li jiffirmaw l-istqarrijiet taghom DOK CA2- CA3.

Maxine Felice fl-istqarrija taghha DOK CA4 ukoll ghazlet li ma tirrispondi ghal ebda domanda u ghazlet li ma tiffirmax l-istqarrija taghha.

L-Ispettur Abdilla esebixxa DOK CA5 stima dwar il-hsarat dwar il-vettura u DOK CA6 certifikat mediku.

Grace Sammut a fol 31 xhedet illi hija kienet fil-karozza flimkien mat-tifla taghha Nevise ta' tlettax (13) –il sena u certu Sebastian Sammut.

Illi f'mument minnhom nizlu l-erba imputati ghal fuqha "b'agressjoni kbira" apparti li kien hemm ukoll il-boyfriend ta Nevise Azzopardi. Sammut xehdet illi qabdu lit-tifla minn xagharha u tefawha fuq bankina waqt illi bdew jaghtu lil Sammut bis-sieq, kellhom xi *mobile* f'idejhom u dan fost kliem hazin u oxen. Sammut xehedet illi bintha bidet tiprova taqbez ghal ommha imma dawn ma tawx kas. Sammut xehdet illi hija ghada sal-gurnata tal-llum ma tafx ir-raguni il ghaliex il-familja Azzopardi aggredita b'dan il-mod. Grace Sammut xehdet illi hija toqghod fl-istess *block* ta appartamenti li fih jghixu il-familja Azzopardi u identifikat l-imputati kollha. Sammut xehedet illi kienu Mary Ann Azzopardi u Sue Allen Azzopardi li l-aktar li sawtuha. Gew esebiti GS1 sa GS21 li juru il-griehi ta Grace Sammut liema ritratti jinsabu a fol 38 fil-process. Sammut kompliet tghid li damet gimgha l-isptar. Sammut xehedet illi hija kienet mahkuma minn biza' kbira insegwitu tal-vjolenza prattikata fuqha u fil-fatt wara l-isptar kienet marret tghix ghand ommha. Kien wara dan li ghamelet ir-rapport lil pulizija dwar il-hsara fuq il-vettura taghha. Hija stqarriet illi qabel l-incident, il-vettura taghha ma kellha l-ebda hsara izda waqt l-incident hija ma setghetx taghraf min mill-familja Azzopardi, kien wettaq il-hsara fuq il-vettura taghha .  kienet taf pero li:

"**taw daqqa ta sieq gol-bieba, faqaw il-bieba u b'xi haga li tigref girfuli l-*bonnet* u l- *mudguard***" ( ara a fol 33, 34)

Grace Sammut esebiet troffa xahar (l-esebit GS 22) illi tghid li qalghulha il-familja Azzopardi f'dan l-incident. Sammut xehedet li hija bidet tipprova tilqa u tiddefendi lilha nfisha billi tgholli idejha biex tipprotegi rasha u fil-fatt idejha kienu kollha imbengla. Grace Sammut cahdet illi hija qatt marret tghid man-nies illi ulied Mary Ann Azzopardi kienu dipendenti fuq id-droga. Sammut xehdet illi hija kienet taf illi Jane Chalmers u it-tifla taghha Dona kienu fil-fatt qalu kliem fis-sens li ulied Azzopardi kienu dipendenti fuq id-droga. Sammut xehdet illi hija qed tigi ikkurata permess tal-kalmanti u it-tifla taghha tant kienet trawmatizzata b'dan l-incident illi kienet qed tqum bil-lejl u

tmur tfittex lil ommha biex taccerta ruhha li ommha kienet ghada hajja. Infatti kellha tehodha ghand psikjatra.

Illi a fol 11 d-difiza ezentat il-prosekuzzjoni mill-produzzjoni tax-xhieda tal-istqarriji u l-imputati accettaw il-volontarjeta tal-istqarriji taghhom. Di piu d-difiza ezentat lil prosekuzzjoni mill-produzzjoni tat-tobba u l-imputati accettaw li il-griehi sofferti mill-kwerelanti kienu ta natura hafifa salv komplikazzjonijiet.

Nevise Fenech ta tlettax (13)-il sena bint Grace Sammut xehdet illi :

**“ Dakinhar tal-incident, il-mummy kienet ghal affari taghha fil-karozza pparkjata, jien kont qedghdha ma’ habiba tieghi, mort nghidilha biex ingib habiba mieghi, biex tohrog maghna, nizzlet it-tieqa tkellimni, f’daqqa wahda giet Lenise qabditni minn xaghri u tefghetni fuq il-bankina, Lenise fethet il-bieba lill-mummy u Sue Ellen qabdet lill-mummy minn xaghrha u tefghetha mal-art, Mary Ann, Maxine u Sue Ellen bdew ituha bis-sieq, bil-*mobiles*, bil-ponn, jigbdulha xaghrha lil mummy, u Lenise taghti lili u tigbidni minn xaghri, u mbaghad Lenise marret taghti lil mummy u Maxine giet fuqi, u daqs kemm bdiet ittini Maxine nezzghetli l-flokk lili, u mbaghad gie l-habib tal-mummy biex iferraq, qattghelu l-flokk u tefghuh mal-art lilu, u imbaghad bdejt nghidilhom iktar m’ghandix daddy ha toqtlu lill-mummy wkoll kif rajtha go ghadira demm.” (Ara fol 42)**

Nevise baqghet issostni illi hija ma kinitx taf ir-raguni l-ghaliex il-familja Azzopardi kienu aggredew lilha u lil ommha. Nevise Fenech xehdet illi ftit wara, hija irritornat fil-**flat** taghhom biex iggib ftit hwejjeg ghal ommha. Kif nizlet isfel rat daqqa fuq il-bieba tal-karozza ta ommha u girfa fuq il-bonnet. Nevise Fenech xehdet illi hija marret ghand il-psikjatra Vella Baldacchino u esebit DOK X1 u X2. Certifikat mediku u zewg ricetti tat-Tabib.

Nevise xehdet illi ommha u Mary Ann Azzopardi kienu hbieb kbar qabel dan l-incident. Mistoqsija diversi drabi

jekk semghetx lil ommha Grace Sammut titkellem b'mod pegorattiv fuq ulied Mary Ann Azzopardi, Nevise wiegbet fin-negattiv.

PS 547 Martin Agius a fol 51 et seq ikkonferma li Sebastian Sammut kien ghamel rapport ghan nom ta Mary Grace Sammut fis-sens li kienet giet aggredita mill-familja Azzopardi u ittiehdet l-isptar fejn irrizulta li kienet soffriet minn griehi ta natura hafifa. Wara illi Sammut harget mill-isptar, din kienet mitkellma mill-Pulizija. Sammut informat lil Pulizija dwar il-hsara fuq il-vettura taghha fl-ammont ta Lm115. L-okkorrenza giet esebita bhala DOK PS (a fol 53 sa 57). Ps 547 xehed illi Mary Ann Azzopardi ammettiet mieghu li sawtet lil Grace Sammut.

Pc 533 Paul Sheen ikknferma l-okkorrenza id-dokument PS.

Christopher Darmanin a fol 60 ikkonferma li l-karozza HAW 984 kienet propjeta ta l-kwerelanti Grace Sammut u esebixxa ir-ricerka DOK CD.

Sebastian Sammut a fol 64 ikkonferma x-xhieda ta Nevise Fenech u Grace Sammut dwar l-attakk minn Mary Ann Azzopardi u Sue Ellen Azzopardi , swat bis-sieq, bil-ponn ,bil-mobiles, dwar il-kliem baxx u oxxen indirrizzati lejha, u il-griehi li garbet li kienu jirrikjedu gimgha sptar. Ikkonferma wkoll il-hsarat fuq il-vettura.

Maria Zammit a fol 75 seq ikkonfermat illi kienet cemplitilha Nevise Fenech li informatha li ommha kienet qalghet xeba' u qieghda l-isptar.

Christian Zarb xehed li hu kien johrog ma Lenise Azzopardi u iddikjara li Grace Sammut kienet tghid man-nies illi huwa kien jitraffika id-droga tant li Mary Ann Azzopardi kienet keccitu minn darha u sahansitra ordnatlu jaghmel test tal-awrina sabiex jiprovalha li ma kienx dipendenti fuq id-droga. Illi f'dan l-incident Mary Ann Azzopardi u Grace Sammut kienu gew fl-idejn. Huwa xehed li ma kienx ra dmija fuq hadd minnhom. Huwa

xehed illi il-partijiet kienu illetikaw u kienu imbuttaw ftit lil xulxin

Jane Chalmers xehdet illi Grace Sammut kienet qaltilha hafna affarijiet fuq bintha Dona u cioe li kienet qed tiehu d-drogi, tant li Chalmers kienet hadet lil bintha Dona biex isiru l-ezamijiet klinici fuqha. Chalmers xehdet dwar incident iehor li fih Dona kienet tablet ghall-ghajnuna wara li giet aggredita minn Grace Sammut. Chalmers xehdet illi meta marret tikkonfronta lil Sammut, din dawret id-diskors u qalet li kient qed talludi ghal ulied Azzopardi u mhux ghal bintha Dona. Chalmers ghalhekk wasslet dan id-diskors lil Mary Ann Azzopardi sabiex din tindokra lil familja taghha. Chalmers iddeponiet fit-tul dwar id-disgwit li qajmet Grace Sammut fuq it-tfal taghha u dawk ta Mary Ann Azzopardi.

Joseph Mula ikkonferma li l-hsarat fuq il-vettura CBO 765 kienu ta' erbat elef hames mija u hmistax il-Ewro (€ 4515).

Anthony Mizzi esebixxa document DOK S.

L-imputata Mary Ann Azzopardi ikkonfermat bl-istqarrija taghha CA1 bil-gurament. It-tifla taghha Maxine u Dona Chalmers kienu qalulha illi Grace Sammut qed tghid diskors mhux xieraq fuqhom u cioe li hu Dona kien il-habs, li Maxine kienet hadet l-gharus ta Nevise, li Maxine kellha marda sesswalment trasmessa (STD). Mary Ann xehedet illi kienet taf illi Grace Sammut kienet qed tigi kurata mill-psikjatra u kienet qeghda taht certi medicinali u li kienet tixrob. Ghalhekk l-imputata kienet qed toqghod pass lura.

Azzopardi xehedet illi li bintha cahdet dak kollu li allegat Sammut u qalet illi minhabba il-hars ikrah li kienet qeghda tircievi minghand Nevise, hija kienet qed tkecci lil dan il-guvni li kien interessat f' Maxine. Azzopardi xehdet illi il- kwistjoni tqanqlet iktar minhabba l-ghira ta bejn it-tfal u sahhansitra hija kienet hadet l-mobile ta bintha Maxine. Mary Ann Azzopardi xehdet illi dawn il-kwisjonijiet bejn Nevise u Maxine u id-diskors li beda jinghad minn

Sammut kienu ilhom ghaddejjin xi tlett (3) gimghat qabel l-incident meritu tal-akkuza. Mary Ann Azzopardi xehdet li fil-gurnata tal-incident, hija harget fil-bieb u rat lill-Grace Sammut tirranga xaghrha u tilbes karkura tal-injam. Mary Ann Azzopardi indirrizzatha bil- kliem “jien m’ghetlekx qis li l-istorja tieqaf hawn ?” Fil-pront Sammut nizlet ghal karkura u bdiet ixxejjirha u MaryAnn Azzopardi nizzet qabditha minn xagharha. Azzopardi xehdet li anki it-tfal taghha nizlu warajha u taf li  Sue Ellen Azzopardi irnexxilha tiehu il-karkura minn idejn Sammut. Ghar-rigward il-hsarat fuq il-karozza, Mary Ann Azzopardi xehdet illi Sammut dejjem kienet tipparkja il-karozza taghha hdejn tal-familja ta Azzopardi, sabiex jekk ikun hemm xi hadd li irid jaghmel vendikazzjoni fuq il-karozza ta Sammut,  jolqot il-karozzi ta Azzopardi.

Ikkonsidrat :

Mix--xhieda fuq prodotta, jirrizulta b’ mod car, kif dal resto ammess mill-imputata Mary Ann Azzopardi, illi insegwitu ta ghajdud ta natura defamatorju fuq il-membri tal-familja taghha mill-kwerelanti, l- imputata Mary Ann Azzopardi hebbet ghall-Grace Sammut, qabdita minn xaghrha u sawtitha bil-ponn, b’rizultat ta griehi ta natura hafifa skond ic-certifkati medici esebiti.

Skond il-verbal a fol 11 il-partijiet qablu illi l-griehi sofferti minn Sammut kienu dawk ta natura hafifa u il-prosekuzzjoni giet ezentata mill-produzzjoni tat-tobba li irrilaxxaw ic-certifikati esebiti.

Illi mill-assjen tal-provi jirrizulta il-ksur tal-bon ordni u l-ingurji da parti ta Mary Ann Azzopardi u dana kif jirrizulta mill-istess stqarrija taghha DOK CA1 u it-testimonjanza illi hija tat quddiem din il-Qorti. Izda l-istess ma jistax jinghad ghal rigward il-ko-imputati l-ohra, il-ghaliex fil-fehma ta din il-Qorti, ma  jirrizultax provat li ll l’hinn minn kull dubju dettat mir-raguni il-ksur tal-bon ordni bl-ghajjat wisq anqas jirrizulta it-theddid  da parti
tal- ko-imputati l-ohra fuq il- kwerelanti.

Illi di piu minkejja il-produzzjoni ta "survey report" u stimi, ma jirrizultax ippruvat mill-prosekuzzjoni min, mill-imputati wettaq l-hsarat fuq il-vettura HAW 984.

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lil imputata Mary Ann Azzoppardi hatja tal- ewwel akkuza u mhux hatja tat-tieni u t-tielet akkuza li minnhom tilliberaha; issib lil imputati Sue Ellen Azzopardi, Lenice Azzoaprdi u Maxine Felice mhux hatja tal-akkuzi detotti kontra taghhom u tilliberahom ; u wara li rat l-artikolu 221 u 28A 338(dd) u 339(1)(e) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, tikkundanna lil Mary Ann Azzopardi ghal erba (4) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2). In oltre il-hrug ta *Protection Order* kontra MaryAnn Azzopardi u favur Grace Sammut u bintha Nevise Fenech u dana ghal perjodu ta tlett (3) snin bil-kundizzjoni li l-imputata Maryann Azzopardi ma tkellimx jew timmolesta lil istess Sammut u Fenech u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta wara li l-Qorti ezaminat il-konsiderazzjonijiet imsemmija fl-Arikolu 412C (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Din il- piena qed tigi akkordata wara li l- Qorti hadet in konsiderazzjoni l- fedina penali u l- eta' ta l- imputata u l-fatti spece kollha tal- kaz in ezami.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------